KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 25

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

## 25.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

25.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waslu talbiet mingħand dawn il-kunsilliera sabiex ikunu assenti b'apoloġija għal din il-laqgħa:
Ilona Fenech, Pierre Portelli u David Soler. Kien hemm qbil illi jiġu skuzani

## 25.2 RAPPORT

25.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tad-dħul illi ġej mill-allokazzjoni tal-Gvern Lokali, kif ukoll ta informazzjoni dwar il-ħidma/spejjez tal-Kunsill u kif il-Kunsill jista jaħdem fil-parametri tal-allokazzjoni.

## 25.3 KOMMUNIKAZZJONI MILL-PUBBLIKU

25.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslu diversi suġġerimenti/mistoqsijiet mingħand residenti u dawn se jinqraw waqt il-laqgħa sabiex tintbagħat risposta direttament lilhom. Qal illi hemm min se jkun live mall-Kunsill b'mod virtwali biex jgħid is-suġġerimenti tiegħu dirett lill-Kunsill.

25.3.2 Is-sinja L.Pace talbet illi jkun hemm relazzjonijiet aħjar mall-Ministeri li jieħdu ħsieb id-dawl u l-bankini fil-lokalitajiet biex intejbu l-infrastruttura. Is-Sindku wieġeb illi hemm ammont ta' bankini li għandom isiru, waqt illi għanda toħroġ tender ġdid għall-istreet lighting. Fuq il-bankini qal illi kif kien hemm miktub fir-rapport, din is-sena se ssir awdit tal-bankini ħalli x-xogħol infrastruturali ssir b'mod illi naraw illi jkun hemm aċċess għal kulħadd f'kull triq. Għħall-istreet lighting fakkar illi aħna responsabbli għal dawk il-bozzoz illi huma wall-mounted, waqt illi niddependu fuq EneMalta għal dawk imwaħħlin ma arbli.

25.3.3 Is-sinja D.Rizzo talbet illi ssiru mill-ġdid it-triq u l-bankini ta' partijiet ta' Dingli str. Is-Sindku wieġeb illi t-triq taqa' taħt ir-remit ta' Infrastructure Malta u mhux tal-Kunsill izda bħal dejjem se ssir kommunikazzjoni magħhom rigward diversi toroq illi għandom bzonn isiru mill-ġdid. Hawn żied illi se nieħdu ħsieb 2 proġetti, waħda fl-area li semmiet is-sinja. Rizzo, cioe Dingli str. ma triq Ġorġ Borg, u l-oħra f'triq Għar il-Lembi. Dwar il-bankini, kif irrisponda lis-sinja. Pace, hemm ammont illi għandom isiru dalwaqt, kif ukoll spjega li partijiet ta' Dingli str. kienu dawk illi saru diġa fil-leġislatura preċedenti.

25.3.4 Is-sinja. Marke Rasenen ukoll kelmet fuq l-istat tal-bankini, speċifikament ta' Dingli str., talli risposti ġew ripettuti mill-interventi ta' qabel. Semmiet ukoll il-parti tal-Promenade bejn Compass Lounge u Fortizza fejn il-materjal tizloq ħafna, fejn qalet illi f'pazziji nordiċi, ħlief meta jkun hemm is-silġ, m'għandomx din il-problema u b'hekk temmen illi hemm soluzzjoni. Hawnhekk is-Sindku qal illi jekk hemm x'jista jsir, għandna nagħmlu kuntatt mall-awtoritajiet kompetenti, izda fakkar illi dik l-area saret madwar 20 sa 25 sena ilu u hemm ħafna 'wear and tear' minħabba l-ispray tal-ilma tal-baħar li taffetwa l-materjal. Żied illi fl-area, cioe il-parti bejn il-Promenade u t-triq, jixtieq jirċievi suġġerimenti kif għandna nagħmlu użu tal-isoft area illi hemm.

25.3.5 Is-sinja. Rasenen qalet ukoll illi hemm bzonn izjed bins illi jingħalqu. Is-Sindku rrisponda li sfortunatament, waqt illi kulħadd irid il-bins u l-indafa, insibu problemi għax ħadd ma jkun irid binn barra il-bieb tad-dar, jew fil-viċinanza ġenerali tad-dar. Qal ukoll illi qegħdin f'diskussjonijiet biex inġibu bins ġodda għall-Promenade waqt illi qabel illi għandna nagħmlu uzu ta' bins li jkunu magħluqin biex nevitaw li l-iskart tispiċċa madwar it-toroq. Żied ukoll illi bl-esperjenza għandna ngħidu li fejn isiru bins, sfortunatament l-area ta' madwarhom isir miżbla u b'hekk hemm bzonn ukoll izjed infurzar.

25.3.6 Is-sinja. Rasene qalet illi hemm bzonn traffic cameras f'areas partikolari fejn ikun hemm double parking u perikli oħra. Is-Sindku wieġeb illi traffic cameras għandom isiru mill-LESA u sibna ħafna burokrazija fil-passat. Rigward wardens, fakkar li din il-laqgħa saret biex niddiskutu l-baġit u per se dan is-servizz taqa' taħt aġenzija oħra, izda qal illi fil-passat il-Kunsill kien iħallas ħafna flus għas-servizz extra tal-wardens, izda issa din mhix

possibli.Saret riforma sentejn ilu u fil-fema tal-Kunsill din is-sistema ma ħadmitx sew s'issa izda saru appuntamenti ġodda u nisperaw illi issa naslu. Għalaq billi qal illi jaqbel illi hemm bzonn infurzar aħjar.

25.3.7 Is-sinja Rasenen kitbet ukoll illi hemm bzonn area sigur għall-użu ta' scooters/bicylces, preferibalemt ġewwa triq it-Torri/The Strand. Is-Sindku wieġeb illi bil-liġi tfal taħt 12 sena biss għandom dritt juzaw bicycle fuq il-Promenade. Qal illi jkollna ħafna problemi u ilmenti minħabba l-veloċita ta' dawn l-iscooters/bicylces fuq il-Promenade. Żied illi fil-passat kienet ħarġet tender biex isir studju għal-bike lanes kif ipproponiet is-sinja. Izda lejn l-aħħar tal-proċess TM qalulna li qegħdin jagħmlu studju simili u m'għamlitx sens biex inkomplu. Wara diversi snin bqajna fejn konna.

25.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur J.Cachia jixtieq jagħdi s-suġġerimenti tiegħu dirett lil Kunsill via Zoom:
Is-sur J.Cachia qal illi jixtieq jara waterpark ġewwa Ġnien Independenza. Qal ukoll illi hemm bzonn izjed manutenzjoni tal-ġnien u m'għandix tibqa outdoor gym area kif qed tintuza fil-prezent. Is-Sindku qal qed isir updgrade tal-ġnien u waqt illi waterpark tista tkun interessanti, mhix xi ħaġa li kienet fil-ħsieb izda fil-futur il-Kunsill jista jaħseb għalija. Qal ukoll illi hemm proġett kbir li għanda ssir taħt il-playing field fejn se jkun hemm parking area u playing equipment ġdid fuq il-parking. Qal ukoll illi qed isiru xogħolijiet ta' manutenzjoni ġewwa Qui Si Sana fejn bħalissa saru ftit playing structures ġodda.

25.3.9 Is-sur J.Cachia staqsa dwar il-possibilita li terġa ssir is-Sliema Arts Festival. Is-Sindku wieġeb illi wara li kien hemm suċċess kbir, avolja kien hemm ukoll diversi ilmenti mingħand residenti, ma bqajniex nirċievu l-fondi li kien hemm bzonn u għalhekk waqfet. Is-Sindku żied ukoll illi ma kienx hemm ħin jew riżorsi bizzejjed biex din tiġi organizzata.

## 25.4 RAPPORT TAL-ACCOUNTANT

25.4.1 L-accountant daħal għal-laqgħa għal ħabta ta' 7.15pm. Qal illi

bħala baġit għas-sena 2021, fejn issoltu dejjem naħsbu li għandna ndaħlu madwar €200,000 mill-permessi, din is-sena ibbaġitjajna dħul ta' €150,000. Dan biex inkunu realistiċi mas-sitwazzjoni kurrenti fil-pajjiz. Żied illi waqt illi għandna €27,800 izjed mill-allokazzjoni tas-sena l-oħra, l-infieq tal-Kunsill tkompli tikber ukoll, waqt illi din is-sena m'għandnix nistennew dħul eċċessiv minn mezzi oħra li mhumiex tal-Gvern Ċentrali.

24.4.2 Qal illi fis-sena 2021 qegħdin nallokaw €300,000 fil-kostruzzjoni tal-bankini, €80,000 għal generic Urban Improvements, €50,000 għat-titjib ta' street lighting, €14,000 għal monument ta' Vince Apap, €220,000 għal kostruzzjoni ta' 2 Public Conveniences, €60,000 għar-restawr ta' niċċew, kif ukoll proġetti zgħar oħra. Barra minn hekk qal illi xorta hemm lok biex ninkludu xi suġġerimenti li was f'din il-laqgħa fil-baġit.

.

**25.5 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

25.5.1 Is-seduta ntemmet fit-20.10pm.

Minuti approvati llum nhar il-Hamis 7 Tta' Jannar 2021

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**